MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 604/2013

**GO plc**
**C-22334**

**vs**

**Falzon Lorraine**
**ID-568976(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija, disgha u tletin ewro u tmintax-il centezmu (€939.18c) skont il-ftehim u l-prospett hawn annessi u mmarkati Dok A u B, liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' telekommunikazzjoni, u cioe' dak tat-telefon, televizjoni u *internet*, kont numru A/C40175262, moghtija mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet nterpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra d-dokumenti mehmuza, u li gew immarkati minn Dok.A sa Dok.C.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disa’ mija, disgha u tletin ewro u tmintax-il centezmu (€939.18c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------